**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 315/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Raymond Brincat**

Illum, 28 ta' Ġunju 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Raymond Brincat, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 6858(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'Malta, f'Diċembru 2010 u fix-xhur ta' qabel ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Qiegħed fuq is-suq, immanifattura, għamel manutenzjoni jew provda xi apparat rilevanti għal-logħob jew xi parti jew partijiet minnu, meta ma kellux liċenza valida għal dan l-iskop maħruġa mill-Awtorita` kompetenti jew ma kienx eżenti minn dik il-ħtieġa ta' liċenza dwar dak l-apparat rilevanti għal-logħob mill-istess Awtorita` kompetenti;
2. U aktar talli fl-istess żmien, lokalitajiet u ċirkostanzi, opera, ippromwova jew biegħ jew b'xi mod li jkun, għen jew ħajjar l-operat, promozzjoni jew bejgħ ta' logħob mhux awtorizzat;
3. U aktar talli fl-istess żmien, lokalitajiet u ċirkostanzi, xjentement ippermetta l-użu ta' xi post bil-għan tal-operazzjoni, il-promozzjoni, il-bejgħ jew il-logħob ta' xi logħba bi ksur ta' xi disposizzjoni tal-liġi, jew ta' xi regolamenti magħmulin taħt xi liġi;

4. U aktar talli fl-istess żmien, lokalitajiet u ċirkostanzi għamel xi ħaġa mingħajr liċenza ta' Awtorita` kompetenti meta din il-liċenza hija meħtieġa minn liġi jew minn regolamenti magħmulin mill-Awtorita` kompetenti bis-saħħa ta' dik il-liġi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datata 28 ta' Ġunju 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali, ir-Regolamenti 3(1) u 19 u l-Artikoli 1(a) u 2(b) tal-Ewwel Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 583.05, l-Artikoli 13, 23(1), 30, u l-paragrafu (a) tat-Tielet Skeda tal-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta, ġia` l-Artikoli 5, 6(b), 7, 67(1) u 70 tal-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Raymond Brincat mhux ħati tar-raba' imputazzjoni migjuba kontra tiegħu u illiberatu minnha, filwaqt illi sabitu ħati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u kkundanatu għall-piena ta' multa fis-somma ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' elf ewro (€1,000), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Rat ir-rikors tal-appellant Raymond Brincat, ippreżentat fl-4 ta' Lulju 2023, fejn talab lil din l-Qorti tvarja s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali preseduta mill-Maġistrat N. Galea Sciberras datata 28 ta' Ġunju 2023 fl-ismijiet premessi, u filwaqt li tikkonfermaha fejn ma sabitux ħati tar-raba' imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, tħassarha, tirrevokaha u tikkanċellaha fejn sabitu ħati tal-ewwel tlett imputazzjonijiet u per konsegwenza tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali datata il-5 ta' Frar 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju, l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-liġi u dan meta għalkemm huwa kien mixli b'reati imfassla fil-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta, li ġie abrogat permezz tal-Att XVI tat-2018, minflok dik il-Qorti għaddiet għal liberatorja, għamlet eżerċizzju ta' tqabbil bejn il-liġi abrogata u dik il-ġdida u ċioe' il-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta, u sabet ħtija xortawaħda, mbagħad, għaddiet biex tikkalibra il-piena b'mod approssimattiv meta l-liġi ma kenitx tippermettielha tagħmel dan. Jakkampa favur tiegħu, il-prinċipju "*nullum crimen sine lege*" u dak stabbilit fl-artikolu 12 tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta. Jikkontendi li għalkemm fit-termini ta' din l-aħħar disposizzjoni tal-liġi l-Qorti setgħet tgħaddi biex issib il-ħtija taħt il-liġi l-'antika', madanakollu ma setatx, l-Ewwel Qorti tasal biex issib ħtija taħt liġi ġdida li ma kenitx fuq saqajha fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat. *Di piu'* jisħaq illi bl-applikazzjoni ta'l-artikolu 57(4) tal-Att XVI tal-2018, l-leġislazzjoni abrogata kellha tibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2018, u allura wara din id-data kien hemm impediment legali għal kontinwazzjoni ta'l-applikazzjoni tal-liġi l-antika fil-mument li l-Ewwel Qorti għaddiet għal prolazzjoni tas-sentenza. Illi fil-mertu jikkontendi illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi billi l-magni kollha li nstabu fil-pussess tal-appellant kienu *amusement machines* li għalihom huwa kellu id-debita liċenzja, u mhuwiex minnu li ħamsa minnhom kienu magni marbuta mal-logħob tal-ażżard.

Illi l-Avukat Ġenerali jilqa' għal dan l-appell meta jikkontendi illi mhuwiex minnu li l-Ewwel Qorti għaddiet biex tapplika il-liġi li ma kenitx eżistenti fiż-żmien li seħħ ir-reat meta ġiet biex issib il-ħtija, iżda fl-eżerċizzju minnha magħmul qieset jekk ir-reati li dwarhom l-appellant kien mixli kenux għadhom jikkostitwixxu reat taħt il-liġi il-ġdida, u wara dan għaddiet biex tapplika dik il-piena l-iktar favorevoli għall-appellant. Illi fil-mertu, imbagħad l-Avukat Ġenerali jqis illi kien hemm biżżejjed evidenza fl-atti li kienet tindika illi ħamsa mill-magni li nstabu fil-pussess tal-appellant kienu *gaming devices* tat-tip *Vegas Multigame* u li għalhekk ma kenux *amusement machines* u kwindi huwa ma kellux id-debita liċenzja għall-użu ta'l-istess. Fil-fatt igħid illi waħda mill-magni saħansitra kienet qed turi li kellha *jackpot* fl-ammont ta' €582.69, li allura kienet qed tindika li kien qed isir użu minnha għall-

logħob tal-ażżard. Finalment igħid illi huwa l-appellant stess li fix-xiehda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti jikkonferma illi dawn il-magni kienu *Video Lottery Terminals* (VLT) u li allura kienu magni tal-logħob tal-ażżard. Liċenzja sabiex jopera dawn it-tip ta' magni jirriżulta illi l-appellant ma kellux, u allura, fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, s-sentenza appellata għandha tkun ikkonfermata fl-intier tagħha.

**Ikkunsidrat:**

Illi qabel kull konsiderazzjoni dwar l-aggravji imqanqla mill-appellant il-Qorti tħoss li għandha tindirizza l-ilment minnu mqanqal b'mod preliminari fir-rikors tal-appell illi l-proċeduri twalu għal iktar minn għaxar snin tant illi huwa rriserva li jressaq proċeduri ta' indoli kostituzzjonali billi jallega li ma kienx mogħti smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli. Jibda biex jiġi rilevat illi l-appellant innifsu kien jaħti *in parte* għal dan id-dewmien. Illi l-ewwel seduta quddiem l-Qorti tal-Maġistrati seħħet fit-18 ta' Marzu 2011, bil-Prosekuzzjoni tagħlaq il-provi tagħha erba' snin wara fit-3 ta' Lulju 2015, fejn f'dan iż-żmien il-provi kellhom jinstemgħu għal darbtejn billi l-ġudikant li kien qed jipprejsedi il-kawża laħaq l-eta tal-irtirar u l-provi ma kenux ġew reġistrati sabiex għalhekk kellhom jinstemgħu mill-ġdid. Illi l-appellant minn naħa tiegħu ukoll dam kważi erba' snin oħra biex iressaq il-provi tiegħu, provi li kienu jikkonsistu unikament fid-deposizzjoni tiegħu u dik tax-xhud imressaq mid-difiża, ċertu Daniel Schembri, bid-difiża titlob diversi differimenti sabiex tressaq il-provi tagħha u finalment sabiex tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet, liema nota qatt ma kienet minnha ppreżentata, għalkemm fil-mori tad-differimenti li ngħataw fuq ordni tal-Qorti għal prolazzjoni tas-sentenza l-appellant ippreżenta żewġ noti waħda li ndikat sentenza referribbilment għal dewmien u nota oħra fejn ġibdet l-attenzjoni tal-Qorti illi l-liġi li taħtha huwa kien ġie mixli kienet ġiet abrogata. Jikkonsegwi għalhekk illi għalkemm l-appellant jilmenta illi l-proċeduri twalu inutilment u jallega illi huwa ma kienx mogħti smigħ xieraq minħabba id-dewmien esaġerat li fih damu għaddejjin il-proċeduri, ma jistax jingħad illi huwa ma kienx jaħti *in parte* għal dan id-dewmien, anzi ikkontribwixxa għalih.

Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet unikament għaliex l-appellant dehrlu li kellu jressaq din il-kritika bil-kliem iebes adoperat fir-rikors tal-appell li pinġieh bħala persuna totalment mingħajr ħtija fir-rigward, l-Qorti issa ser tgħaddi biex tindirizza l-aggravji minnu mqanqla.

Illi, l-prinċipju ta' dritt "*nullum crimen sine lege, nulla poena sine lege*" imħaddan anke bħala wieħed mid-drittijiet fondamentali tal-bniedem jassigura li ebda persuna ma tiġi ppenalizzata għal att li ma jkunx jikonstitwixxi reat fil-mument li jkun ġie mwettaq. Infatti, l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jiddisponi illi: –

> **"Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li, fil-ħin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bħal dak, u ebda piena ma għandha tiġi mposta għal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-ogħla piena li setgħet tiġi mposta għal dak ir-reat fiż-żmien meta jkun ġie magħmul."**

Illi, ukoll dan l-istess prinċipju jiggarantixxi li persuna ma għandhiex tiġi assoġġettata għal penali iktar għolja meta ir-reat li dwaru tkun ġiet mixlija sussegwentement tiżdiedlu l-piena meta tinstab il-ħtija. Dan huwa maħsub ukoll fl-Artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali li jgħid li –

> **"Jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi".**

Illi, l-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta), senjatament l-Artikolu 12(1) ta' l-istess mbagħad jiddisponi illi:–

> **(1) Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Atti ħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, t-tħassir m'għandux –**
>
> **(a) jerġa' jġib fis-seħħ xi ħaġa li ma tkunx fis-seħħ jew li ma tkunx teżisti fiż-żmien li fih iseħħ it-tħassir;**
> **(b) jolqot it-tħaddim ta' xi liġi qabel ma kienet hekk imħassra jew xi ħaġa magħmula jew li tħalliet issir taħt xi liġi hekk imħassra;**
> **(c) jolqot xi dritt, privileġġ jew responsabbiltà miksuba jew meħuda taħt xi leġislazzjoni hekk imħassra jew li ġejja minn xi leġislazzjoni bħal dik;**
> **(d) <u>jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta' jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbiltà għal xi penali, konfiska jew piena bħal dawk</u>;**

(e) **jolqot kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju dwar xi dritt, privileġġ, obbligazzjoni, responsabbiltà, penali, konfiska, jew piena kif intqal qabel, u kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju bħal dawk jistgħu jinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jew piena bħal dawk jistgħu jiġu mposti, bħallikieku l-Att li jħassar majkunx għadda.**

Illi l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem imbagħad, eleva dan il-prinċipju għal-livell konvenzjonali li jħares d-drittijiet fondamentali tal-persuna li tkun mixlija bil-kummissjoni ta' reat li ma kienx tali fiż-żmien tal-kummissjoni tiegħu: –

**'1. Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkunu saru. Lanqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar.**

**2. Dan l-Artikolu ma għandux jippreġudika l-proċeduri u l-applikazzjoni tal-piena ta' xi persuna għal xi att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta jkunu saru, kienu kriminali skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi rikonoxxuti min-nazzjonijiet ċivilizzati.'**

Il-prinċipju ta' *nullum crimen sine lege* jirrifletti prinċipju antik li jipprospetta illi hija l-Liġi biss li tista' tistabbilixxi illi att jew fatt kommess jew ommess għandu jkun punibbli. Dan għandu jfisser allura illi l-Liġi għandha tkun ċara meta tfassal statutorjament dawk ir-rekwiżiti meħtieġa sabiex fatt ikun jikkostitwixxi reat u dan qabel ma l-istess jkun mwettaq (*lex scripta, lex praevia*), billi jkunu stabbilit fil-liġi miktuba b'mod ċar dawk id-dispożizzjonijiet ta' dritt penali li jippermettu lil kull individwu jikkonforma ruħu magħhom (*lex certa*), kif ukoll mal-interpretazzjoni stretta tagħhom (*lex stricta*). Illum il-ġurnata dan il-prinċipju jitqies bħala wieħed mid-drittijiet fondamentali tal-bniedem rikonoxxut internazzjonalment u garantit, *inter alia*, fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, hawn fuq iċċitat. Madankollu, il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem stabbilit żewġ rekwiżiti u ċioe' illi l-applikazzjoni tal-liġi kriminali trid tkun prevedibbli ('*foreseeable*') u li tkun konformi mal-"essenza ta' reat" imwettaq.

***"27. An individual must know from the wording of the relevant provision and, if need be, with the assistance of the courts' interpretation of it and after taking***

*appropriate legal advice, what acts and/or omissions will make him criminally liable and what penalty will be imposed for the act committed and/or omission (Cantoni v. France, § 29; Kafkaris v. Cyprus [GC], § 140; Del Río Prada v. Spain [GC], § 79). The concept of "appropriate advice" refers to the possibility of taking legal advice (Chauvy and Others v. France (dec.); Jorgic v. Germany, § 113).*

*28. It follows that in principle, there can only be a "penalty" within the meaning of Article 7 if an element of personal liability has been established in respect of the perpetrator of the offence. There is a clear correlation between the degree of foreseeability of a criminal-law provision and the personal liability of the offender. Thus Article 7 requires a mental link disclosing an element of liability in the conduct of the actual perpetrator of the offence if a penalty is to be imposed (G.I.E.M. S.R.L. and Others v. Italy (merits) [GC], § 242 et § 246). There may, however, be certain forms of objective liability stemming from presumptions of liability, provided they comply with the Convention, particularly Article 6 § 2 (ibid., § 243)[1]."*

Illi f'deċiżjoni mogħtija fil-21 ta' Ottubru 2013, mill-QEDB, intqal hekk dwar l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni:

*(a) Nullum crimen, nulla poena sine lege*

*77. The guarantee enshrined in Article 7, which is an essential element of the rule of law, occupies a prominent place in the Convention system of protection, as is underlined by the fact that no derogation from it is permissible under Article 15 even in time of war or other public emergency threatening the life of the nation. It should be construed and applied, as follows from its object and purpose, in such a way as to provide effective safeguards against arbitrary prosecution, conviction and punishment (see S.W. v. the United Kingdom, 22 November 1995, § 34, Series A no. 335-B; C.R. v. the United Kingdom, 22 November 1995, § 32, Series A no. 335-C; and Kafkaris, cited above, § 137).*

*78. Article 7 of the Convention is not confined to prohibiting the retrospective application of the criminal law to an accused's disadvantage (concerning the retrospective application of a penalty, see Welch v. the United Kingdom, 9 February 1995, § 36, Series A no. 307-A; Jamil v. France, 8 June 1995, § 35, Series A no. 317-B; Ecer and Zeyrek v. Turkey, nos. 29295/95 and 29363/95, § 36, ECHR 2001-II; and Mihai Toma v. Romania, no. 1051/06, §§ 26-31, 24 January 2012). It also embodies, more generally, the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty (nullum crimen, nulla poena sine lege – see Kokkinakis v. Greece, 25 May 1993, § 52, Series A no. 260-A). While it prohibits in particular extending the scope of existing offences to acts which previously were not criminal offences, it also lays down the principle that the criminal law must not be extensively construed to an accused's detriment, for instance by analogy (see Coëme and*

[1] Guide on Article 7 of the European Convention on Human Rights – Council of Europe

*Others v. Belgium, nos. 32492/96, 32547/96, 32548/96, 33209/96 and 33210/96, § 145, ECHR 2000-VII; for an example of the application of a penalty by analogy, see Başkaya and Okçuoğlu v. Turkey [GC], nos. 23536/94 and 24408/94, §§ 42-43, ECHR 1999-IV).*

*79. It follows that offences and the relevant penalties must be clearly defined by law. This requirement is satisfied where the individual can know from the wording of the relevant provision, if need be with the assistance of the courts' interpretation of it and after taking appropriate legal advice, what acts and omissions will make him criminally liable and what penalty he faces on that account (see Cantoni v. France, 15 November 1996, § 29, Reports of Judgments and Decisions 1996-V, and Kafkaris, cited above, § 140).*

*80. The Court must therefore verify that at the time when an accused person performed the act which led to his being prosecuted and convicted there was in force a legal provision which made that act punishable, and that the punishment imposed did not exceed the limits fixed by that provision (see Coëme and Others, cited above, § 145, and Achour v. France [GC], no. 67335/01, § 43, ECHR 2006-IV).*

….

*(c) Foreseeability of criminal law*

*91. When speaking of "law" Article 7 alludes to the very same concept as that to which the Convention refers elsewhere when using that term, a concept which comprises statutory law as well as case-law and implies qualitative requirements, notably those of accessibility and foreseeability (see Kokkinakis, cited above, §§ 40-41; Cantoni, cited above, § 29; Coëme and Others, cited above, § 145; and E.K. v. Turkey, no. 28496/95, § 51, 7 February 2002). These qualitative requirements must be satisfied as regards both the definition of an offence and the penalty the offence carries.*

*92. It is a logical consequence of the principle that laws must be of general application that the wording of statutes is not always precise. One of the standard techniques of regulation by rules is to use general categorisations as opposed to exhaustive lists. Accordingly, many laws are inevitably couched in terms which, to a greater or lesser extent, are vague and whose interpretation and application are questions of practice (see Kokkinakis, cited above, § 40, and Cantoni, cited above, § 31). However clearly drafted a legal provision may be, in any system of law, including criminal law, there is an inevitable element of judicial interpretation. There will always be a need for elucidation of doubtful points and for adaptation to changing circumstances. Again, whilst certainty is highly desirable, it may bring in its train excessive rigidity and the law must be able to keep pace with changing circumstances (see Kafkaris, cited above, § 141).*

*93. The role of adjudication vested in the courts is precisely to dissipate such interpretational doubts as remain (ibid.). The progressive development of criminal law through judicial law-making is a well-entrenched and necessary part of legal tradition in the Convention States (see Kruslin v. France, 24 April 1990, § 29, Series A no. 176-A). Article 7 of the Convention*

> *cannot be read as outlawing the gradual clarification of the rules of criminal liability through judicial interpretation from case to case, provided that the resultant development is consistent with the essence of the offence and could reasonably be foreseen (see S.W. v. the United Kingdom, cited above, § 36; C.R. v. the United Kingdom, cited above, § 34; Streletz, Kessler and Krenz, cited above, § 50; K.-H.W. v. Germany [GC], no. 37201/97, § 85, 22 March 2001; Korbely v. Hungary [GC], no. 9174/02, § 71, ECHR 2008; and Kononov v. Latvia [GC], no. 36376/04, § 185, ECHR 2010). The lack of an accessible and reasonably foreseeable judicial interpretation can even lead to a finding of a violation of the accused's Article 7 rights (see, concerning the constituent elements of the offence, Pessino v. France, no. 40403/02, §§ 35-36, 10 October 2006, and Dragotoniu and Militaru-Pidhorni v. Romania, nos. 77193/01 and 77196/01, §§ 43-44, 24 May 2007; as regards the penalty, see Alimuçaj v. Albania, no. 20134/05, §§ 154-62, 7 February 2012). Were that not the case, the object and the purpose of this provision – namely that no one should be subjected to arbitrary prosecution, conviction or punishment – would be defeated*[2].

Finalment:

> *46. Article 7 unconditionally prohibits the retrospective application of the criminal law where it is to an accused's disadvantage (Del Río Prada v. Spain [GC], § 116; Kokkinakis v. Greece, § 52). The principle of non-retroactivity of criminal law applies both to the provisions defining the offence (Vasiliauskas v. Lithuania [GC], §§ 165-166) and to those setting the penalties incurred (Jamil v. France, §§ 34-36; M. v. Germany, §§ 123 and 135-137; Gurguchiani v. Spain, §§ 32-44).*
>
> *47. The principle of non-retroactivity is infringed in cases of retroactive application of legislative provisions to offences committed before those provisions came into force. It is prohibited to extend the scope of existing offences to acts which previously were not criminal offences. However, there is no violation of Article 7 where the acts in question were already punishable under the Criminal Code applicable at the material time – even if they were only punishable as an aggravating circumstance rather than an independent offence – (Ould Dah v. France (dec.), provided that the penalty imposed does not exceed the maximum laid down in that Criminal Code*[3].

Jikkonsewgi għalhekk minn dawn il-prinċipji enunċjati mill-QEDB illi ġaldarba il-persuna mixlija b'reat tkun konsapevoli illi l-atti minnha kommessi jikkostitwixxu reat u li jibqgħu jikkostitwixxu reat sal-mument tal-pronunzjament mill-qorti dwar il-ħtija tiegħu o meno, allura l-ebda vjolazzjoni ma tkun seħħet tal-jeddijiet fondamentali

[2] ***Del Rio Prada vs Spain***- applikazzjoni numru 42750/09

[3] Guide on Article 7 of the European Convention on Human Rights – Council of Europe

tiegħu kif imħarsa fil-Konvenzjoni, bil-piena li tkun applikata mill-Qorti ma tistax teċċedi dik maħsuba fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat.

Illi, spjanat dan it-tagħlim ġurisprudenzjali jiġi osservat illi l-fatti inkriminatorji li kienu jikkostitwixxu r-reati li dwarhom l-appellant kien mixli bihom, baqgħu xorta waħda jikkostitwixxu l-istess vjolazzjonijiet tal-liġi għalkemm imfissra f'termini xi ftit jew wisq differenti. L-appellant allura ma jistax iqis illi kien hemm xi inċertezza ta' dritt jew inkella illi l-att minnu kommess llum ma għadux jikkostitwixxi reat, jew li r-reat ġie abolit (*abolitio criminis*) jew abrogat għaliex it-tħaddim ta' magni tal-logħob tal-ażżard mingħajr id-debita liċenzja mill-awtoritajiet kompetenti kien u baqa' jikkostitwixxi reat, b'dan pero' illi l-liġijiet dwar il-logħob kollu, kemm tal-lottu kif ukoll tal-ażżard b'mod fiżiku, elettroniku u llum anke virtwali huma konsolidati u in konformita' mal-avvanzi li saru mis-soċjeta moderna, f'liġi waħda li hija il-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-Ewwel Qorti għamlet eżerċizzju minuzzjuz sabiex tistabbilixxi dan il-fatt u ċioe' illi l-att kommissiv kien u baqa' jitiqes bħala reat, liema eżerċizzju a skans ta' repetizzjoni il-Qorti tagħmel tagħha. Mhux biss iżda l-artikolu 57(1) tal-Att il-ġdid – il-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:-

> **(1)Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (4), (5), (6) u (7), l-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor, l-Att dwar il-Logħob, l-Ordinanza dwar il-Lottu Pubbliku u l-Att għat-Twaqqif tal-Kariga ta' Direttur tal-Lottu Pubbliku, hawn iżjed 'il quddiem kollettivament imsejħa "il-leġiżlazzjoni mħassra", flimkien ma' kull leġiżlazzjoni sussidjarja magħmula taħthom, huma b'dan imħassra <u>mingħajr preġudizzju għal dak kollu li sar jew naqas milli jsir taħthom.</u>**

Għal dawn ir-raġunijiet premessi, l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tieni aggravju ventilat minnu, l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament zbaljat tal-provi għaliex kuntrarjament għal dak li kkonkludiet, il-magni *de quo* kienu *amusement machines* għall-liema magni huwa kellu d-debita liċenzja.

Illi, minn ezami akkurat tal-atti proċesswali magħmul minn din il-Qorti unikament sabiex tqis jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[4], jirriżulta illi nhar it-22 ta' Novembru 2010, saret spezzjoni minn uffiċjali tal-Awtorita' dwar il-Lotteriji u l-Logħob fil-fond *Ta' Ġojja Amusement Ltd*, li s-sid tiegħu huwa l-appellant. Jirriżulta li fuq il-post instabu ħames "*amusement machines*" u ħames magni tal-logħob tal-azzard li għal dawn ta' l-aħħar l-appellant ma kellux liċenzja.

Illi, Joseph Falzon, in rappreżentanza tal-Awtorita' dwar il-Lotteriji u l-Logħob jikkonferma li l-magni in kwistjoni kienu "*gaming devices*" fejn jispjega li:

> "**Gaming devices huma magni simili bħal ma ssib fil-casinos jiġifieri għandhom affarijiet li l-magna titqies bħala gaming devices u mhux amusement machine**".

Illi, Etienne Attard, ukoll in rapprezentanza tal-Awtorita' dwar il-Lotteriji u l-Logħob jikkonferma li ħamsa mill-magni li nstabu fil-fond tal-appellant kienu magni tal-logħob tal-azzard. Jispjega li dawn kienu "*progressive*" li tfisser:–

> **Progressive jiġifieri għandek fond ta' flus fejn mill-ammont li tkun qed tilgħab, jinkrementa biex inti meta ġġib il-combination tkun qed tilgħab għalih u tieħu dak il-fond, bħal jackpot. Tip ta' jackpot. Dejjem tiela u dejjem jinkrementa, m'għandux limit. Jackpot ikollok ezempju 1000 Euro u dan m'għandux limit, jibqa' tiela'.**
>
> **...**
>
> **Minn kull logħob li jkun hemm dejjem tiela' u imbagħad meta jintrebaħ jerġa' jibda' minn base value.**

Illi, Etienne Attard jkompli jgħid li "**f'amusement machine ma jistax ikollok progressive**" għax "**l-amusement inti qed tilgħab biss an arcade game**", liema *arcade*

---

[4] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

*game* ma tagħtix rebħ jew premji. Jisħaq li "**... fuq dawn il-kaxxi li jikkonsistu fil-bet u fil-credit, push button biex tintlagħab il-logħba u tagħzel il-lines, kemm ser tibbetja inti biex tieħu rebħ u tħallsek. Kellha ukoll bl-acceptor li taċċetta l-flus u coin inland biex tilgħab bil-coins. Kellha touch screen ukoll għax kienet tista tintlagħab touch screen u biex tagħzel il-logħob peress li kienet multi-game**".

Illi mbagħad ir-ritratti eżebiti in atti ta' dawn il-magni juru li kienu attrezzati b'siggijiet quddiemhom li allura kien ifisser illi l-klijent kien qed ikun mistieden ipoġġi quddiemhom u jilgħab, u meta saret l-ispezzjoni għalkemm l-*amusement machines* kienu mitfija, madanakollu l-*gambling machines* kienu mixgħula. U allura ma jitwemminx l-appellant meta jishaq illi dawn kienu hemm esposti unikament għal bejgħ jew għal kiri. Magħdud ma' dan, imbagħad f'waħda minn dawn il-magni kien hemm *jackpot* b'ammont ta' flus li kien indikattiv li din kienet qed tintuża. Ġustament tgħid l-Ewwel Qorti, li kellha ix-xorti tisma' lill-appellant jixhed quddiemha, illi huwa ma jistax jitwemmen meta jikkontendi illi dawn il-magni kien xtrahom biex ibiegħhom u li l-flus li kien hemm fihom kienu intiżi biss sabiex il-klijent prospettiv ikun jista' jiġi muri kif jitħaddmu. Dan għaliex l-ammont kien wieħed konsiderevoli li ċertament kien indikattiv tal-użu li kien qed issir minnha għal skopijiet ta' l-ażżard.

Illi, huwa minnu li mill-liċenzja pprezentata in atti jirriżulta li l-appellant kellu d-debita liċenzja għal "***amusement machine sales and hire***", madanakollu mix-xhieda u mill-provi prodotti dina l-Qorti tinsab moralment konvinta, bħall-Ewwel Qorti qabilha, li filfatt ħamsa mill-magni misjuba fil-fond tal-appellant ma kienux koperti b'tali liċenzja, u dana għaliex ma kienux iklassifikati bħala "*amusement machines*" iżda bħala "*gaming machines*" u li l-appellant kien qed jesponiehom fil-ħanut tiegħu unikament sabiex jintużaw għal-logħob tal-ażżard, liema attivita', jerġa' jingħad, ma kenitx koperta bid-debita liċenzja. Għalhekk, din l-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant kif għamlet u għaldaqstant anke l-aħħar aggravju tal-appellant ma jistħoqqlux akkoljiment.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell mressaq mill-appellant Raymond Brincat u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, bit-terminu għal ħlas konċess mill-Ewwel Qorti jibda jiddekorri mil-lum.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**